MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 5/2004

**Carmelo Bonello**

**vs**

**David Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-23 ta' Dicembru, 2003 fejn wara illi ppremetta:
1. Illi nhar il-Gimgha 19 ta' Dicembru, 2003 l-esponenti gie rinfaccjat bl-esekuzzjoni tal-Mandat odjern wara li Carmelo Bonello ottjena l-permess minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigi ezegwiet il-Mandat imsemmi u dan abbazi ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' April, 2003 fl-ismijiet "Carmelo Bonello vs David Coleiro" (Avviz Nru. 693/01JAB);
2. Illi meta l-ufficjali tal-Qorti marru sabiex jezegwixxu l-Mandat huma elevaw vettura tal-marka Van Transit bin-numru ta' registrazzjoni DCT 001 liema vettura ma

tappartjeniex lill-esponenti izda lil mara tieghu Doreen Coleiro u dan kif jidher mill-annessa kopja tal-Logbook tal-istess vettura Dokument “DC1”.  Illi mill-atti kemm tal-kawza kif ukoll ta’ l-istess Mandat ta’ Qbid odjern il-mara ta’ l-esponenti jigifieri Doreen Coleiro qatt ma kienet parti fl-imsemmija kawza u ghalhekk il-Mandat ma setghax jigi ezegwiet fil-konfront taghha jew ta’ proprjeta’ li tappartjeni lilha;

3. Illi inoltre jigi umilment rilevat ukoll illi dina l-vettura ma kinitex wahda mill-oggetti mnizzla fl-elenku ta’ l-oggetti maqbuda meta dan l-ufficjal ezekutur mar sabiex jikkawtela l-interessi ta’ Carmelo Bonello u ghalhekk ma setghax isir l-elevazzjoni tal-van indikat minghajr l-awtorizazzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi l-esponenti jrid ukoll jirrileva illi huwa pprezenta kawza ta’ ritrattazzjoni fl-istess ismijiet jigifieri “Carmelo Bonello vs David Coleiro” (Avviz Nru. 468/02DM) liema kawza tinsab differita ghat-12 ta’ Frar, 2004 ghall-provi tal-partijiet.  Ghalhekk, galadarba Carmelo Bonello kien jaf (ghaliex gie notifikat u pprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu) li kien hemm kawza pendenti li tista twaqqa s-sentenza li abbazi taghha huwa talab l-esekuzzjoni tal-Mandat odjern ma messux talab il-kontinwazzjoni ta’ dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li fl-ewwel lok tawtorizza r-rilaxx tal-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni DCT 001 u dan ghaliex dina l-vettura ma setghatx tinqabad peress illi hija proprjeta’ ta’ terzi li ma kellhom x’jaqsmu xejn fil-kawza kif juri d-dokument anness u ma kinitx wahda mill-oggetti maqbuda u fit-tieni lok tawtorizza li dawn il-proceduri jigu sospizi sakemm tigi deciza l-kawza ta’ ritrattazzjoni fl-ismijiet “Carmel Bonello vs David Coleiro” (Avviz Nru. 468/02DM) liema kawza tinsab differita ghat-12 ta’ Frar, 2004;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat fejn wiegeb:

Illi l-esponent jopponi ghat-talba ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi preliminarjament in-nullita tar-rikors odjern stante illi l-ligi tikkontempla l-possibilita' li tintalab ir-revoka totali jew parzjali ta' Mandat pero' ma tikkontemplax talba ghar-rilaxx ta' oggett maqbud permezz ta' Mandat ta' Qbid;

Illi preliminarjament ukoll il-procedura utilizzata hija rritwali stante illi una volta li qed jigi allegat li l-oggetti elevati jappartjenu lil terzi u mhux lir-rikorrent allura kellhom ikunu dawk it-terzi li jipprocedu b'kawza *ad hoc* sabiex jigu dikjarati nulli l-proceduri tal-Mandat;

Illi fil-meritu ghandu jinghad illi l-esponent ma jistax jifhem fuq liema bazi legali r-rikorrent qieghed jaghmel distinzjoni bejn l-oggetti tieghu u l-oggetti ta' martu meta ma sar l-ebda accenn ghal xi separazzjoni personali jew separazzjoni tal-beni. Una volta li m'hemm l-ebda wahda minn dawn l-oggetti kollha jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-konjugi Coleiro indipendentement minn jekk jghixux flimkien o meno;

Illi sekondament l-agir tar-rikorrenti huwa kjarament wiehed ingannuz. L-esponent ilu zmien twil jipprova jesegwixxi t-titolu tieghu li sa llum ghadu validu. (Proceduri ta' ritrattazzjoni ma jwaqqfux l-ezekuzzjoni ta' mandati ezekuttivi). Kull meta l-marixxall ipprova jesegwixxi dan il-mandat gie dejjem rinfaccjat b'opposizzjoni kbira minn naha ta' mart ir-rikorrent li nfurmatu li m'ghadux joqghod hemm minghajr ma qatt giet prodotta xi prova illi bejn il-konjugi Coleiro ma japplikax ir-regime tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi finalment meta fid-19 ta' Dicembru, 2003 il-marixxall mar jeleva, jidher skond ir-riferta, illi kienet mart ir-rikorrent stess illi ndikat il-vann bhala proprjeta' li setat tigi maqbuda flok l-affarijiet l-ohra li kienet qed toggezzjona li jigu elevati.

Illi ghalhekk dan ir-rikors huwa biss tentattiv sabiex tigi stultifikata l-procedura tal-mandat odjern.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2004 fejn awtorizzat lil Doreen Coleiro tintervjeni fil-kawza in statu et terminis;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors sar wara li giet esegwita sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fit-22 ta' April, 2003 fl-ismijiet Carmelo Bonello vs David Coleiro fejn gie maqbud van Transit bin-numru tar-registrazzjoni DCT 001 u moghti lill-konsennatarju. Ir-rikorrent, David Coleiro qieghed jitlob ir-rilaxx ta' din il-vettura peress li l-vettura tappartjeni lil mara tieghu, Doreen Coleiro, kif ukoll is-sospenzjoni tal-Mandat sakemm tigi deciza kawza ta' ritrattazzjoni illi saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati ukoll fl-istess ismijiet Calmelo Bonello vs David Coleiro.

Irrizulta mill-provi illi l-mandat numru 1877/01 mahrug wara s-sentenza fuq imsemmija gie esegwit mill-Marixxall Nikol Sammut fid-19 ta' Dicembru, 2003. Is-sur Sammut qal illi l-esekuzzjoni ta' dan il-Mandat kien difficli u seta' jaqbad il-van koncernat wara li gie bih l-istess David Coleiro u gie maqbud bil-kunsens ta' l-istess David Coleiro. Tant hu helkk illi kein l-istess David Coleiro li saq il-van ghand il-konsennatarju. Il-marixxall ma qadx jivverifika ta' min kien il-van.

Skond il-*log book* esebit a fol. 3 il-van koncernat DCT 001 huwa registrat f'isem Doreen Coleiro. *Last change of owner* kien fl-14 ta' Ottubru, 2002.

Din ta' l-ahhar tghid illi l-van huwa registrat f'isimha u bejna u bejn ir-ragel taghha David Coleiro hemm separazzjoni tal-beni. Fil-fatt fl-atti hemm kopja tal-kuntratt redatt fil-5 ta' Novembru, 2001 in atti Nutar Dr Carmel Gafa (fol. 27).

Peress illi l-van gie akkwistat minn Doreen Coleiro wara l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, ovvjament ma jidhirx fuq il-lista ta' l-oggetti li gew trasferiti lilha. Pero' mhuwiex dubitat li l-van huwa registrat fuq isimha u b'verbal tat-13 ta' April, 2005 (fol. 45) il-partijiet iddikjaraw illi l-kopja tal-logbook hija vera kopja ta' l-original.

Ghalhekk il-Qorti tiehu dan id-dokument bhala veritier illi mnnu jirrizulta illi l-van huwa rregistrat f'isem Doreen Coleiro.

Ikkunsidrat:

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni dei beni tal-5 ta' Novembru, 2001 ipoggi istitut partikolari bejn il-konjugi David Coleiro u martu Doreen Coleiro. Filwaqt illi ma hemmx separazzjoni personali, pero' l-beni illi huma jakkwistaw fil-mori taz-zwieg jibqghu personali ta' min ikun xrathhom u l-istitut tal-komunjoni ta' l-akkwisti gie xolt.

Peress illi l-van gie akkwistat minn Doreen Coleiro, fl-14 ta' Ottubru, 2002 wara l-kuntratt tas-separazzjoni, allura dana jibqa' personali taghha u r-rikorent David Coleiro m'ghandu l-ebda drittijiet fuqu. Dan ifisser ukoll illi l-kredituri ta' David Coleiro m'ghandhom l-ebda dritt fuq il-proprjeta' ta' Doreen Coleiro peress illi din hija terz ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrent ghar-rilaxx tal-vettura, izda ma jidhilhiex illi f'dan l-istadju ghandha tordna s-sopenzjoni tal-proceduri sakemm tigi deciza l-kawza ta' ritrattazzjoni fuq imsemmija, liema decizjoni tispekka lil dik il-Qorti illi qed tittratta l-kawza ta' ritrattazzjoni.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rilaxx tal-vettura u tordna li din il-vettura van Transit bin-numru tar-registrazzjoni DCT 001 tigi rilaxxjata ghal kull fini u effetti tal-ligi lil sidha Doreen Coleiro.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------